# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1534/99**

**Numru 36**

**Falzon Service Station Limited**

**vs**

**Acris Containers Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm375 (tlett mija, hamsa u sebghin Liri Maltin) liema somma tirraprezenta prezz ta' "fuel" lis-socjeta konvenuta mibjugh u konsenjat fuq ordnijiet tas-socjeta konvenuta stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 1999, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-5 ta' Dicembru 2000 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm375.00,0 bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Lulju 1999 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg